REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2084

tas-27 ta' Settembru 2023

li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Kanada, għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fil-listi tal-pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 230(1) u 232(1) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprovdi li biex jidħlu fl-Unjoni, il-konsenji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali jridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew minn territorju, jew żona jew kompartiment tiegħu, elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li trid tinżamm il-konformità magħhom għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew territorji jew żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi tal-pajjiżi terzi, it-territorji, iż-żoni jew il-kompartimenti tagħhom, li minnhom hu permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(4) B'mod iktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi tal-pajjiżi terzi, jew it-territorji jew iż-żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni, rispettivament, tal-konsenji tal-pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa.

(5) Il-Kanada nnotifikat lill-Kummissjoni dwar tifqigħa tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI) fil-pollam fil-provinċja ta' Alberta, li ġiet ikkonfermata fil-11 ta' Settembru 2023 b'analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(6) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħa tal-HPAI fil-pollam fl-Isle of Lewis, l-Iskozja, li ġiet ikkonfermata fil-25 ta' Awwissu 2023 b'analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(7) L-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar tifqigħa tal-HPAI fil-pollam fl-istat ta' New Jersey, li ġiet ikkonfermata fil-15 ta' Settembru 2023 b'analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

(8) Wara dawn it-tifqigħat riċenti tal-HPAI, l-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti stabbilew żoni ristretti ta' mill-anqas 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentaw politika tal-qerda biex jikkontrollaw il-preżenza tal-HPAI u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda.

(9) Il-Kanada, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti ssottomettew informazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji tagħhom u l-miżuri meħuda biex jevitaw aktar tixrid tal-HPAI.

(10) Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni jidhrilha li, fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fiż-żoni bir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti, id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam, ta' prodotti ġerminali tal-pollam, u ta' laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa minn dawk iż-żoni jenħtieġ li jiġi sospiż, biex jitħares l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni.

(11) Ir-Renju Unit u l-Istati Uniti taw informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji tagħhom b'rabta mal-HPAI li wasslu għas-sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti, kif stabbilit fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(12) B'mod partikolari, ir-Renju Unit issottometta informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika b'rabta ma' tliet tifqigħat tal-HPAI fi stabbilimenti tal-pollam fil-kontea ta' Aberdeenshire u fl-Isle of Lewis, l-Iskozja, li ġew ikkonfermati fid-9 ta' Lulju 2023 u fit-8 ta' Awwissu 2023.

(13) Barra minn hekk, l-Istati Uniti ssottomettew informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorju tagħhom b'rabta ma' żewġ tifqigħat tal-HPAI fi stabbilimenti tal-pollam fl-istat ta' New York, li ġew ikkonfermati fit-12 ta' April 2023 u fis-17 ta' April 2023.

(14) Ir-Renju Unit u l-Istati Uniti ssottomettew informazzjoni wkoll dwar il-miżuri li ħadu jevitaw aktar tixrid tal-HPAI. B'mod partikolari, wara dawk it-tifqigħat ta' dik il-marda, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti implimentaw politika tal-qerda biex jikkontrollaw u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda, u lestew ukoll ir-rekwiżit tat-tindif u tad-diżinfettar wara l-implimentazzjoni tal-politika tal-qerda fl-istabbilimenti tal-pollam infettati fit-territorji tagħhom.

(15) Il-Kummissjoni evalwat l-informazzjoni sottomessa mir-Renju Unit u mill-Istati Uniti, u jidhrilha li r-Renju Unit u l-Istati Uniti taw garanziji xierqa li s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali li wasslet għas-sospensjonijiet ma għadhiex toħloq theddida għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika fl-Unjoni u li, għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi awtorizzat mill-ġdid id-dħul fl-Unjoni tal-prodotti tal-pollam miż-żoni kkonċernati tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti li minnhom kien ġie sospiż id-dħul fl-Unjoni.

(16) Għalhekk jenħtieġ li l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu emendati biex ikunu jqisu s-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-rigward tal-HPAI fil-Kanada, fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti.

(17) Filwaqt li titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fil-Kanada, fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti b'rabta mal-HPAI, u biex ikun evitat tfixkil bla bżonn tal-kummerċ mar-Renju Unit u mal-Istati Uniti, l-emendi li jridu jsiru fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 b'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu effettivi b'urġenza.

(18) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikabbiltà

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Settembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela li ġejja għaż-żona CA-2.191 tiddaħħal wara r-ringiela għaż-żona CA-2.190:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.191	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		11.9.2023";	

(ii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.307 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**GB** Ir-Renju Unit	GB-2.307	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		9.7.2023	11.9.2023";

(iii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli għaż-żoni GB-2.309 u GB-2.310 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**GB** Ir-Renju Unit	GB-2.309	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		8.8.2023	15.9.2023
	GB-2.310		N, P1		8.8.2023	12.9.2023";

(iv) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela li ġejja għaż-żona GB-2.321 tiżdied wara r-ringiela għaż-żona GB-2.320:

"**GB** Ir-Renju Unit	GB-2.321	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		25.8.2023";	

(v) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.451 u US-2.452 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.451	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		12.4.2023	20.9.2023
	US-2.452		N, P1		17.4.2023	20.9.2023";

(vi) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela li ġejja għaż-żona US-2.459 tiżdied wara r-ringiela għaż-żona US-2.458:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.459	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		15.9.2023";	

(b) il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, id-deskrizzjoni li ġejja għaż-żona CA-2.191 tiżdied wara d-deskrizzjoni għaż-żona CA-2.190:

"Il-Kanada	CA-2.191	Alberta: Latitudni 49.47, Lonġitudni -112.25 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: New Dayton 10 km SZ: Judson u Wrentham";

(ii) fl-entrata għar-Renju Unit, tiżdied id-deskrizzjoni li ġejja taż-żona GB-2.321 wara d-deskrizzjoni taż-żona GB-2.320:

"Ir-Renju Unit	GB-2.321	Ness, Isle of Lewis, l-Iskozja, GB Iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10 km, biċ-ċentru fil-koordinati deċimali WGS84 Lat: N58.47 and Long: W6.29";

(iii) fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjoni li ġejja għaż-żona US-2.459 tiżdied wara d-deskrizzjoni għaż-żona US-2.458:

"L-Istati Uniti	US-2.459	Stat ta' New Jersey Union 01 Kontea ta' Union: Żona ċirku b'raġġ ta' 10 km li jibda mill-punt ta' fuq (koordinati tal-GPS: 74.1690838°W 40.7406971°N)";

(2) fl-Anness XIV, fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(a) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli li ġejjin għaż-żona CA-2.191 jiddaħħlu wara r-ringieli għaż-żona CA-2.190:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.191	POU, RAT	N, P1		11.9.2023	
		GBM	P1		11.9.2023";	

(b) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli għaż-żona GB-2.307 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**GB** Ir-Renju Unit	GB-2.307	POU, RAT	N, P1		9.7.2023	11.9.2023
		GBM	P1		9.7.2023	11.9.2023";

(c) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli għaż-żoni GB-2.309 u GB-2.310 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**GB** Ir-Renju Unit	GB-2.309	POU, RAT	N, P1		8.8.2023	15.9.2023
		GBM	P1		8.8.2023	15.9.2023
	GB-2.310	POU, RAT	N, P1		8.8.2023	12.9.2023
		GBM	P1		8.8.2023	12.9.2023";

(d) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli li ġejjin għaż-żona GB-2.321 jiżdiedu wara r-ringieli għaż-żona GB-2.320:

"**GB** Ir-Renju Unit	GB-2.321	POU, RAT	N, P1		25.8.2023	
		GBM	P1		25.8.2023";	

(e) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.451 u US-2.452 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.451	POU, RAT	N, P1		12.4.2023	20.9.2023
		GBM	P1		12.4.2023	20.9.2023
	US-2.452	POU, RAT	N, P1		17.4.2023	20.9.2023
		GBM	P1		17.4.2023	20.9.2023";

(f) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żona US-2.459 jiżdiedu wara r-ringieli għaż-żona US-2.458:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.459	POU, RAT	N, P1		15.9.2023	
		GBM	P1		15.9.2023".	